# Ġużeppi Baron: Tislima lis-'Superjur' tal-Isla

MINN FABIAN MANGION



Is-Superjur Ġużeppi Baron

Imwieled l-Isla nhar il-11 ta' April 1923, Ġużeppi kien it-tielet wild ta' Franġisk Baron u Anna Douglas. Fil-familja kienu b'kollox disa' aħwa, ħames subien u erba' bniet. Fosthom kien hemm Patri Pawl OFM Cap (1925-2012) li ismu huwa ntimament marbut mal-ħidma sfieqa li wettaq fost ħutna Maltin emigranti fl-Awstralja.

Filwaqt li kien impjegat maċ-Ċivil, l-ewwel bħala *meter reader* u aktar tard bħala awditur, fil-ħajja ta' Ġużeppi, tliet istituzzjonijiet jixxebilku flimkien. B'dedikazzjoni kbira, b'imħabba wiesa u b'ġenerożità li ma kelliex limiti, huwa ta ħinu u l-enerġija tiegħu għas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, b'mod partikulari l-Qasam tal-Museum, sezzjoni maskili, tal-Isla; il-Knisja, b'mod partikulari l-Parroċċa tal-Isla; u l-Azzjoni Kattolika, b'mod partikolari l-ġurnal *Leħen is-Sewwa*.

## SUPERJUR FL-ISLA

Sa minn meta kien għadu żgħir, Ġużeppi beda jisma' lil-Leħen tal-Maħbub isejjaħlu biex jissieħeb fis-Soċjetà tal-Museum. Huwa fis wieġeb għal din is-sejħa u fl-1942 ġie nkorporat bħala Soċju. Meta l-Isla kienet għadha qed tqum fuq saqajha wara t-tħarbit li kienet ġabet magħha t-Tieni Gwerra, fl-1946, Ġużeppi ġie msejjaħ mis-superjuri tiegħu fis-Soċjetà biex jieħu post is-Superjur Salvatore Robinich. B'hekk, ta' 23 sena, mimli ħeġġa biex jara l-Qasam miexi 'l quddiem, huwa sar l-ħames Superjur tal-Qasam Nru. 16 tal-Isla.

Fi żmien is-Superjur Ġużeppi Baron, il-Qasam, li dik il-ħabta kien f'nru. 49, Triq San Pietru u San Pawl, mar f'dar nru. 54, Triq id-Duluri. Dan kien fis-sena 1949. F'din id-dar kien twieled Ewġenju Borg, l-ewwel Superjuri Ġenerali tas-Soċjetà. Baron dam Superjur sal-1961 meta minfloku sar Ġużeppi Camilleri. Iżda fl-1966, is-Superjur Ġenerali Ċikku Saliba sejjaħ mill-ġdid lis-Superjur Baron biex jerġa' jmexxi l-Qasam. Kemm ra festi sbieħ dan il-Qasam!

Ġużeppi temm l-ħidma tiegħu bħala Superjur fl-1983 imma mhux qabel ma beda t-trasferiment tal-Qasam minn Triq id-Duluri għad-dar nru. 137, Triq il-Vitorja. Din id-dar kienet tħalliet biex proprju tintuża bħala Qasam tal-Museum mis-Soċju Ġużeppi Bonanno li wara mewtu, li seħħet fit-2 ta' Awwissu 1982, flimkien mat-tagħlim li kien jagħti, ħalla eżempju tajjeb ħafna.

Lejn l-aħħar tas-sena 1984, Ġużeppi kompla jattendi l-Qasam ta' Wied il-Għajn sal-2010. Huwa ħabrek biex dan il-Qasam jingħata l-ħajja u biex it-tagħlim tal-katekiżmu seta' jkun imwassal aħjar lit-tfal ta' dan ir-raħal pittoresk.

## KOLLABORATUR PARROKKJALI

Filwaqt li huwa kien Superjur, fil-Parroċċa tal-Isla huwa kien ukoll kollaboratur ewlieni fi żmien il-parrokat tal-Kan. Arċipriet Dun Ġian Karl Burlò u tal-Kan. Arċipriet Dun Ġwann Sladden. Fl-1957 narawh jifforma parti minn kummissjoni mwaqqfa mill-Kapitlu biex tħejji ċelebrazzjonijiet xierqa fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika u r-ritorn tal-Bambina. Fl-1965 Ġużeppi għamel parti mill-Kumitat Organizzattiv li kien ġie ffurmat biex jitfakkar l-400 anniversarju tal-Assedju l-Kbir

ta' Malta. Ħames snin wara, fl-1968 huwa ġie magħżul Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. Fl-1971, kien inħatar Kumitat biex jorganizza l-festi fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mill-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina. Ġużeppi ġie msejjaħ biex jaqdi r-rwol ta' segretarju f'dan il-Kumitat.

Fil-festi prinċipali tal-Knisja u tal-parroċċa, l-aktar fil-festa tal-Bambina, Ġużeppi kien jagħmel servizz fuq l-artal bħala Ċerimonjier fejn kien jara li ċ-ċerimonji liturġiċi kollha jsiru sewwa u bid-dinjità li tixirqilhom. Huwa kien ukoll idoqq l-armonju u meta s-Surmast Agostino Attard irtira minħabba l-mard, Ġużeppi kien janima l-quddies bid-daqq tal-orgni. Aktar min hekk, meta ma kienx ikun hemm min jieħu ħsieb l-abbatini, Ġużeppi kien jgħin lill-Arċipriet fil-kura tagħhom. Huwa kellu sehem ukoll fil-Kummissjoni Finanzjarja tal-Bażilika u kien jagħti daqqa t'id sewwa fil-pubblikazzjoni tal-fuljett parrokkjali *Bullettin tal-Parroċċa ta' l-Isla*.

## AMMINISTRATUR TA' LEĦEN IS-SEWWA

Ħidma oħra li Ġużeppi Baron wettaq b'dedikazzjoni verament Nisranija u sagrifiċċji personali mhux żgħar kienet il-kariga ta' Amministratur tal-ġurnal *Leħen is-Sewwa*. Huwa beda jgħin f'dan il-ġurnal fil-bidu tas-snin sittin bħala assistant ta' Carmelo Tabone, li mhux biss kien l-Amministratur ta' qablu iżda wkoll Senglean u kollaboratur parrokkjali ieħor. Meta Carmelo miet għal għarrieda fil-25 ta' Awwissu 1978, Baron minnufih ħa fuq spallejh il-piż kollu tal-amministrazzjoni. Waqt li kien f'din il-ħidma, Ġużeppi għaraf is-sinjali taż-żminijiet, stinka u ħaddem dehenu biex jara l-ġurnal jitjieb fil-preżentazzjoni u jwettaq dejjem aktar ġid spiritwali u soċjali. Il-kontribut li Ġużeppi Baron ta lill-ġurnaliżmu Kattoliku f'pajjiżna – kontribut li għalih qatt ma tħallas – ma jistgħax jitkejjel. Huwa dam f'din il-kariga sal-1993.

Wara li ta ħinu, għaqlu u saħħtu għal dawn il-ħidmiet, l-Mulej ippermetta li lil Ġużeppi wkoll jgħaddieh mill-waqt tal-prova. U l-prova tiegħu kienet li huwa għadda l-aħħar snin ta' ħajtu nieqes, kważi totalment, mid-dawl ta' għajnejh. Ġużeppi ħaddan dan is-salib b'sabar Nisrani. Sakemm felaħ u sakemm setgħa, huwa baqa' jgħix, anke waħdu, fid-dar tal-familja fl-Isla. Fl-2010 huwa ngħaqad ma' 'ħutu' membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija f'Dar il-Ħanin Sammaritan, Santa Venera.

Hemm, nhar l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2014 huwa sema' lill-Imgħallem tiegħu jsejjaħlu biex bikri jtemm l-Avvent li huwa kien qed jgħix fuq din l-art u bilġri jingħaqad miegħu fil-mistrieħ dejjiem. Nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru 2014, lil Ġużeppi sellimnilu għall-aħħar darba permezz ta' quddiesa ċċelebrata fil-Bażilika tal-Isla, Knisja Kolleġġjata li kienet wisq għal qalbu u li ħafna iżjed kien iħobb jitkellem dwarha.

Filwaqt li nsellmulu u nroddulu ħajr, lil Ġużeppi nawgurawlu għaliex, qabilna, sħaqqlu jara l-wiċċ glorjuż ta' ħuna Ġesù Redentur u l-wiċċ grazzjuż ta' ommna Marija Bambina; żewġ uċuħ li, fuq ix-xbieha tagħhom fuq din l-art, tant drabi xeħet ħarstu.



*Ġużeppi Baron, idoqq l-armonju filwaqt li jakkumpanja lill-grupp ta' abbatini waqt il-kant fil-liturġija fil-Knisja ta' San Filippu*